**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 720/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Melvyn Zammit)**

**-Vs-**

**TARCISIO GATT**

**Illum, 21 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **TARCISIO GATT** iben Emanuel u Frances nee Desira, imwieled Zabbar nhar il-23 ta' Novembru 1954 u resident 92, Precious Pearl, triq ta' Gidwet, Marsascala detentur tal-karta tal-identita' nmru 856054M. Akkużat talli:

Nhar l- 1 ta' Diċembru 2020, għal ħabta ta' bejn 18:30 u 19:30 ta' filgħaxija, ġewwa triq ta' Gidwet, Marsascala, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Happy Oghogho Odigie f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Gary Gatt nru. Mediku 4143.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lil ħati għall-ħlas ta' spjejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Happy Oghogho Odiġie.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-20 ta' Mejju, 2021, fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215,216 tal-Kapitolu 9 tal-Li[ijiet ta' Malta.
2. Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Li[ijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru 2021, jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq Happy Oghogho Odigie waqt argument li seħħ bejniethom fl-1 ta' Diċembru 2020 ġewwa binja fi Triq Gidwet, Marsascala. Mill-atti u l-provi jirriżulta li l-imputat, Tarcisio Gatt, kien jikri appartament lill-imsemmi Happy Oghogho Odigie u persuni oħrajn biex jirrisjedu fih, liema appartament hija sovrastanti r-residenza tiegħu ġewwa l-istess binja. Il-Qorti fehmet illi l-argument inqala' dwar il-ħlas fil-pront tal-kera u tal-kont tad-dawl u ilma tal-fond mikri, meta l-imputat spiċċa qata' l-provvista tad-dawl fl-appartament mikri peress li ma kienx għadu tħallas dak li kien dovut lilu mill-inkwilini. Jirriżulta li waqt dan l-argoment, li seħħ wara li l-imputat kien tefa s-servizz tad-dawl u tela' fl-appartament biex ifittex lil Happy Oghogho Odigie biex jitħallas, huma ġew fl-idejn u t-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li dak il-ħin l-imputat ħebb għall-persuna l-oħra u kkaġunalu ġrieħi f'wiċċu, speċifikatament żewġ qamsiet fuq xofftu li kellhom bżonn żewġ punti, liema offiżi huma ta' natura gravi.

**Nicholas Obaseki** xehed illi fl-1 ta' Diċembru 2020 irċieva xi tliet telefonati in fila mingħand l-imputat waqt li kien għadu xogħol, fejn l-imputat qallu li jekk ma jitħallasx il-kera dakinhar ser jaqta' d-dawl fl-appartament li huwa kien jikri mingħandu flimkien ma' Happy Oghogho, Innocent u Ashanti. Kif kien fi triqtu lejn id-dar għall-ħabta tas-7.30 p.m., ċemplulu biex jgħidulu li ma kienx hemm dawl fl-appartament u meta wasal id-dar ra demm kullimkien u dak il-ħin Happy qallu li l-imputat kien tah daqqa ta' ponn meta tela' fl-appartament[1]. Xehed ukoll li huwa ra b'għajnejh stess li d-demm kien ħiereġ minn xofftu ta' fuq: "*there was a hole from inside to outside ... under his left nostril*". Dak il-ħin kien hemm ħabib ta' Happy li ħadu minn fuq il-post. Ix-xhud ħa ritratt tal-feriti bit-telefon ċellulari tiegħu u meta staqsa lil Happy b'hiex kien sawtu l-imputat, qallu li d-daqqa ta' ponn tahielu b'ċurkett li kien liebes dakinhar. Nicholas Obaseki fisser ukoll li fl-erba' xhur li kienu ilhom jikru mingħand l-imputat, qatt ma rah liebes ċurkett iżda meta waslu l-Pulizija fuq il-post, l-imputat ħebb għalih fil-presenza ta' uffiċjal tal-Pulizja f'liema waqt huwa ra fuq subajgħ tal-id il-leminija, ħmura b'marka ta' ċurkett. Qal ukoll li in

[1] Xehed: "*he punched Happy straight up*" – fol. 39.

segwitu mar ifittex lil Happy u sabu fid-dar ta' ħabib tiegħu u ħadu fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana fejn hemmhekk tawhom ċertifikat mediku li ħaduh lill-Pulizija dak il-lejl stess[2].

**PS 31 Mario Farrugia** xehed illi Happy Oghogho Odigie kien laħaq telaq meta l-Pulizija waslu fuq il-post biex jinvestigaw l-inċident, iżda kien mar minn jeddu fl-Għassa tal-Pulizija ftit tal-minuti wara. Xehed illi dak il-ħin Happy qallu li l-imputat kien "*ħebb għalih u għamillu xi ġrieħi f'wiċċu*"[3]. Ix-xhud qal li huwa ra li Happy kellu l-ġrieħi in-naħa ta' xuftejh u kellu d-demm nieżel minn ma' xuftejh u mar flimkien ma' ħabib tiegħu il-klinika biex jiddewwa.

**PC656 Jonathan Hili** fix-xhieda tiegħu ikkonferma li meta mar ġewwa 92, Triq ta' Gidwed, Marsascala huwa sab lill-imputat li kellu xi ġrieħi ma' wiċċu u spjegalu li ftit qabel kellu argument ma' persuna bl-isem Happy dwar il-kera tal-post li jikrilu u peress li Happy kien qed isabbat fuq il-mejda, hu tfixkel, ħebb għalih u ġew fl-idejn.

**PC54 Andy Abela** xehed illi għall-ħabta tas-7.15 p.m. daħlet telefonata fil-control room li kien seħħ argument bejn żewġ persuni ġewwa r-residenza 92, Triq Gidwed, Marsascala u meta hu u PC 656 irrikorrew fuq il-post, sabu lill-imputat Tarcisio Gatt li laqagħhom ġewwa r-residenza tiegħu fejn innota li kellu xi ġrieħi ma' wiċċu u spjegalu li kellu argument bl-idejn ma' nies barranin li kien qed jikrilhom il-post fuq. Ix-xhud qal li meta daħal fil-post huwa ra d-demm mal-art fejn seħħ l-inċident ġewwa t-taraġ fil-komun. Hu qal li dak il-ħin fuq il-post kien hemm persuna oħra ta' karnaġġjon skur li kien jieħu ħsieb jagħti l-kera lill-imputat u li qallu li kien inzerta fuq il-post meta ġara l-inċident iżda ma kienx hu li kellu xi jgħid mal-imputat bl-idejn. Qallu wkoll li l-persuna li kien involut fil-kollutazzjoni mal-imputat ma kienx għadu fuq il-post. Ix-xhud iżda, ikkonferma li fil-preżenza tiegħu seħħ argoment verbali bejn il-persuna li kienet fuq il-post u l-imputat għaliex dak il-ħin l-imputat kien irrabjat u qallu kliem vulgari. Il-persuna l-oħra iżda, kienet kalma u rrakkontalu

[2] Ix-xhud għaraf iċ-ċertifikat mediku a fol. 22, Dok. MZ3.
[3] Xhieda ta' PS31 Mario Farrugia.

x'kien ġara qabel bejn l-imputat u l-persuna l-oħra. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat da parti tiegħu, qallu li kellu argoment ma' persuna jismu Happy dwar il-kera u peress li Happy baqa' jsabbat fuq il-mejda għalkemm huwa qallu biex ma jkomplix isabbat, kien irrejaġixxa b'rabja lejn Happy, aggredih u spiċċaw infexxu f'xulxin.

**L-imputat Tarcisio Gatt**, fl-istqarrija li huwa rrilaxxa fit-2 ta' Diċembru 2020 waqt li kien qed jiġi interrogat[4], iddikjara li meta tela' fl-appartament mikri wara li kien tefa d-dawl, Happy ħareġ mix-shower u beda jgħajjat u jxejjer idu u ġew ftit fl-idejn iżda mbagħad is-sitwazzjoni kkalmat billi Happy reġa' daħal 'il ġewwa u l-imputat niżel fir-residenza tiegħu. L-imputat isostni li wara ftit minuti, jisma' l-bieb tal-appartament tiegħu jħabbat taħbit kbir u kif fetaħ il-bieb isib lil Happy u persuna oħra li riedu jidħlu 'l ġewwa u dak il-ħin beda jirreżistihom u jiddefendi ruħu u f'dak il-waqt hu spiċċa ġarrab xi ġrieħi.

**L-imputat** għażel li jixhed quddiem il-Qorti[5] u fid-depożizzjoni tiegħu qal li l-inkwilini tiegħu ma kienux ħallsu l-kera u kellu jitfilhom il-provvista tad-dawl fl-appartament. Waqt li kien qed jinħasel, sema' xi ħadd iħabbat fuq il-bieb tar-residenza tiegħu u ftit minuti wara, meta fetaħ il-bieb u ma sab lil ħadd, tela' fl-appartament mikri biex jara jekk kienux niżlu biex iħallsu l-kera. Huwa sab il-bieb tal-appartament imbexxaq u kif daħal, ra lil Happy ħiereġ mix-shower jgħajjat u javviċinah u minkejja li qallu biex ma jkomplix jgħajjat u biex jikkalma, baqa' jgħajjat kemm jiflaħ. Qal li dak il-ħin Happy xejjrlu daqqa fuq geddumu u intilfu, u mbagħad ġew fl-idejn, huwa qabad lil Happy minn għonqu u waqgħu fuq it-tarġa. Ra d-demm ħiereġ u deherlu li Happy kien qasam xofftejh x'aktarx meta waqgħu it-tnejn li huma fuq it-tarġa. Imbagħad is-sitwazzjoni kkalmat u ma baqgħux jargumentaw, Happy daħal 'il ġewwa u hu niżel iżda wara xi għaxar minuti, Happy beda jħabbat il-bieb tal-appartament tiegħu u kif fetaħ, hu u l-persuna l-oħra li kienet miegħu, riedu bil-fors jidħlu ġewwa u huwa rreżistihom. Dak il-ħin Happy beda jsabbat fuq tavolina u reġgħu fl-idejn fejn hemmhekk, huwa qala' daqqa fuq moħħu.

---

[4] Dok. MZ2, fol. 19 *et seq*.

[5] 23 ta' Settembru 2021.

Il-fatt li l-imputat sofra ġrieħi ħfief ġie affermant minn Dr. Gary Magri Gatt li eżaminah fiċ-Ċentru tas-Saħħa ftit tal-ħin wara u li xehed li kellu tbenġil fuq moħħu u ġrieħi superfiċjali fuq wieħed minn ħaddejh u fuq l-aspett dorsali ta' idu l-leminija[6].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reat li ġie mixli bih fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq ir-reat addebitat: ċertezza li trid tkun tkun radikata fi stħarriġ sħiħ, imparzjali u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ammissibbli - sija dawk diretti u wkoll dawk indizzjarji jew ċikostanzjali - li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.  Kif inhu risaput, il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta.  Tant hu hekk li hu rari li jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova.  Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`.  Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali.  Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qiegħda tixhed is-sewwa, bl-applikazzjoni tal-prinċipji dwar l-evalwazzjoni tal-kredibbilita' tax-xhieda provduti fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.  Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni

---

[66] Ċertifikat mediku Dok. MZ4, fol. 67.

imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

In materja tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita' tax-xhieda, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[7]

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

[7] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

In konklużjoni, għandu jingħad ukoll, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[8], illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «*... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-vittma, Happy Oghogho Odigie, ma xehedx quddiem il-Qorti għaliex skont kif jirriżulta mill-atti, huwa siefer minn Malta u ma setax jiġi rintraċċjat. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud okulari li ra l-iskontru bejn l-imputat u l-allegat vittma attwalment iseħħ iżda, kuntrarjament għal dak sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni, dan ma jfissrix li ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għaliex ma xehed ħadd li ra l-inċident attwalment iseħħ. Għalkemm l-aħjar prova f'dan il-każ kienet, inddubjament, ix-xhieda tal-allegat vittma nnifsu, in-nuqqas tad-depożizzjoni tiegħu m'għandux ifisser neċessarjament li hija nieqsa provi suffiċjenti tal-fatti li fuqhom hija bbażata l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat.

Illi fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Janis Caruana**[9] dik il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar in-nuqqas tad-depożizzjoni tal-persuna li kienet għamlet rapport lill-Pulizija, qalet hekk:-

"*.....il-hearsay rule tagħna (f'l-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk: "Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista'*

[8] Deciza 9.7.2003.
[9] Deċiża 12 ta' Mejju 2012.

*jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra". Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 19881 qalet hekk:*

*"Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).*

*Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ "Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk ....: "However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case." Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni ta'l-artikolu 6.*

*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).*"

Effettivament, f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ressqet provi li jistabbilixxu inkonfutabbilment li l-imputat kien involut f'argoment ma' Happy Oghogho Odigie fejn ġew fl-idejn u li Happy spiċċa b'feriti f'xofftejh. Ressqet ukoll provi li jixħtu dawl ukoll fuq dak li ġara waqt din il-kollutazzjoni, fosthom l-istqarrija tal-imputat, ix-xhieda ta' persuni li waslu fuq il-post minnufih wara l-inċident kif ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li ħadu l-verżjoni tal-vittma meta mar jirrapporta l-inċident. Dawn il-provi għandhom jingħataw il-valur probatorju li jistħoqqilhom, rispettivament, u għandhom ukoll jiġu evalwati flimkien biex tiġi determinata l-ħtija o meno tal-imputat għar-reat li ġie mixli bih.

Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li kien seħħ argoment bejn l-imputat u Happy li kien jirrisjedi flimkien ma' tliet persuni oħra, fosthom Nicholas Obaseki, f'appartament mikri mingħand l-istess imputat. Mhux kontestat lanqas illi dan l-argoment nibet minn diżgwid dwar il-ħlas tal-kera u kien l-imputat innifsu li stqarr li wara li tefa' l-provvista tad-dawl u daħal fl-appartament mikri lil Happy, huma ġew fl-idejn. Għalkemm mill-provi jirriżulta wkoll li seħħet kollutazzjoni oħra ftit tal-ħin wara, meta Happy u l-persuna l-oħra pprovaw jidħlu fir-residenza tal-imputat u fejn skont l-imputat huwa qala' daqqa ta' ponn fuq moħħu u ġarrab ġrieħi ħfief, huwa eskluż anke mix-xhieda tal-imputat stess li kien waqt dan it-tieni episodju li Happy ġarrab il-ġrieħi f'xofftejh. Kemm hu hekk, l-imputat xehed quddiem il-Qorti li Happy qasam xofftejh u beda ħiereġ id-demm waqt li kienu qed jiġġieldu bl-idejn fl-appartament mikri u mhux matul il-kollutazzjoni li seħħet sussegwentement fil-komun tat-taraġ barra l-bieb tar-resdienza tal-imputat.

Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat iddikjara li meta daħal fl-appartament, Happy ħareġ mix-shower u beda jgħajjat u jxejjer idu u ġew ftit fl-idejn iżda mbagħad is-sitwazzjoni kkalmat billi Happy reġa' daħal 'il ġewwa u l-imputat niżel fir-residenza tiegħu. Iżda fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, l-imputat żied partikolaritajiet ġodda li ma jirriżultawx la mill-verżjoni li rrilaxxa lill-Ufficċjali tal-Pulizija li ssejħu fuq il-post wara l-inċident, u lanqas mill-istqarrija tiegħu: hu qal li Happy kien xejjirlu daqqa ta' ponn fuq geddumu u wara li qabdu minn għonqu, huma waqgħu fuq it-taraġ. L-

imputat żied jgħid ukoll li x'aktarx Happy qasam xofftejh meta waqgħu fit-taraġ: "*disa' u disgħin fil-mija meta waqajna fuq it-taraġ fuq. Meta xejjirli daqqa u imbagħad qbadtu minn għonqu u waqajna t-tnejn fuq it-tarġa.*"[10]

Il-Qorti hawnhekk tosserva mhux biss li l-allegazzjoni li Happy kien xejjirlu daqqa ta' ponn fuq geddumu u li Happy qasam xofftejh għaliex waqa' fit-taraġ, tqajmu għall-ewwel darba fix-xhieda tal-imputat quddiem il-Qorti, iżda tosserva wkoll li ma jirriżultax mill-eżami mediku li sarlu ftit tal-ħin wara, li l-imputat kellu xi sinjal li kien qala' daqqa fuq geddumu. Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li din il-parti mix-xhieda tal-imputat hi konvinċenti u lanqas l-imputat innifsu jidher li hu ċert minn din il-verżjoni. Dan qed jingħad għaliex ix-xhieda tiegħu mhux biss m'hijiex konsistenti ma' dak li stqarr l-imputat innifsu waqt l-interrogazzjoni, iżda tikkozza wkoll ma' dak li l-imputat innifsu kien stqarr lill-Uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post ftit minuti wara biex jinvestigaw l-inċident. Kif rajna, l-Uffiċjali tal-Pulizija li ddeponew f'din il-kawża ikkonfermaw fix-xhieda tagħhom illi meta waslu fuq il-post, l-imputat stqarr li kien hu li ħebb għal Happy, aggredih u spiċċaw infexxu f'xulxin. **Imkien ma qalilhom li huwa qala' l-ewwel daqqa f'geddumu u lanqas semma li kienu waqgħu fit-taraġ u li Happy qasam xofftejh u kellu d-demm ħiereġ minn ħalqu**. B'żieda ma' dan, PS 31 Mario xehed illi meta Happy mar jagħmel rapport fl-Għassa tal-Pulizija ftit tal-ħin wara, huwa kien qallu li l-imputat kien "*ħebb għalih u għamillu xi ġrieħi f'wiċċu*", liema ġrieħi ġew kostatati mix-xhud li dak il-ħin ra li kellu d-demm nieżel minn ma' xuftejh.

Kif ingħad, hu veru li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx lill-parti leża biex tixhed quddiem il-Qorti għaliex huwa kien laħaq telaq minn Malta, iżda huwa kien ta l-verżjoni tiegħu dwar kif seħħ l-inċident sija lil Nicholas Obaseki – hekk kif dan tal-aħħar wasal fl-appartament ftit tal-minuti wara - kif ukoll lill-Pulizija meta mar jirrapporta l-inċident fl-Għassa tal-Pulizija. Kif rajna, PS 31 Mario Farrugia xehed illi Happy irrapportalu li l-imputat kien "*ħebb għalih u għamillu xi ġrieħi f'wiċċu*" filwaqt li Nicholas Obaseki xehed illi meta wasal id-dar ra demm kullimkien u dak il-ħin Happy qallu li l-imputat

---

[10] Xhieda tat-23 ta' Settembru 2021.

kien tah daqqa ta' ponn meta tela' fl-appartament ("*he punched Happy straight up*")[11] u xehed ukoll li huwa ra b'għajnejh stess li d-demm kien ħiereġ minn xofftu ta' fuq[12].

Bl-applikazzjoni tal-insenjament u l-liġi in materja tal-evalwazzjoni u l-ammissibbilita' tal-provi, hi tal-fehma li ma għandhiex twarrab ix-xhieda tal-persuni li ħadu l-verżjoni tal-vittma iżda għandha tagħtiha qies ta' valur probatorju in kwantu fiċ-ċirkostanzi fejn ma kienx possibbli li l-vittma tinġieb biex tixhed għaliex dan kien telaq minn Malta, din ix-xhieda hija evidentement ta' portata sostanzjali għall-mertu tal-kawża. Dan ifisser li l-verżjoni ta' Happy Oghogho Odigie li xehdu dwarha PS 31 Mario Farrugia u Nicholas Obaseki, hija mhux biss ammissibbli bħala prova ta' dak li huwa kien qalilhom, iżda prova ta' importanza sostanzjali - għalkemm, naturalment, mhux neċessarjament prova tal-verita' ta' dik il-verżjoni - u għalhekk sejra tieħu qies tal-fatti rapportati u tevalwahom fl-isfond ta' provi oħrajn diretti u indiretti li ġew akkwiżiti fl-atti proċesswali.

Il-Qorti rat l-atti u l-provi tqis illi l-verżjoni ta' Happy Oghogho Odigie li xehdu dwarha l-persuni fuq imsemmija hija korroborata kważi fl-intier tagħha mill-imputat innifsu li kif rajna, ammetta li ħebb għal Happy b'rabja u ġew fl-idejn u għalhekk hija sodisfatta li l-imputat kien effettivament aggredixxa lil Happy, tant illi t-tabib li ċċertifika dawn il-offiżi xehed ukoll li l-ferita li rriskontra fix-xofftejn tal-vittma, kienet għadha friska. Kemm hu hekk, huwa ppruvat ukoll li l-imputat kien għadu qed jaġixxi aggressivament meta ħebb għal Nicholas Obaseki fil-preżenza tal-Pulizija li waslu fuq il-post ftit tal-ħin wara.

Il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda ta' Nicholas Obaseki – li baqgħet mhux kontrastata – li xehed illi għalkemm ma kienx preżenti waqt il-kollutazzjoni nnifisha, wasal fuq il-post ftit tal-ħin wara meta Happy kien għadu fl-appartament u ra demm kullimkien. Huwa xehed li dak il-ħin Happy qallu li l-imputat kien tela' fl-appartament u kien tah daqqa ta' ponn biċ-ċurkett li kien liebes f'idu l-

---

[11] Fol. 39.

[12] *"... there was a hole from inside to outside ... under his left nostril"*.

leminija.  Dan ix-xhud xehed ukoll li l-imputat ħebb għalih fil-presenza tal-Pulizija li ġew fuq il-post - fatt li ġie affermat minn PC 54 Andy Abela fix-xhieda tiegħu -  u dak il-ħin ra ħmura fis-suba' ta-ċurkett tal-id il-leminija tal-imputat.  Sinjifikanti l-fatt illi t-tabib li eżamina lill-imputat għall-ġrieħi li sofra waqt dan l-argoment, xehed li huwa rriskontra ferita superfiċjali fl-aspett dorsali tal-id leminija tiegħu.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija moralment konvinta li huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-ġrieħi li ġie ppruvat li sofra Happy, huwa ġarrabhom f'din il-kollutazzjoni bejnu u bejn l-imputat u speċifikatament għaliex ġie aggredit mill-imputat.  Għalkemm huwa minnu li l-imputat m'huwa tenut li jressaq l-ebda prova kwalsiasi, il-Qorti tosserva li f'dan il-każ l-imputat għażel li jixhed iżda minkejja dan, **m'hemm assolutament xejn fil-verżjoni tal-imputat li jdaħħal xi dubju li jitqies li huwa raġjonevoli, li l-feriti li ġarrab Happy f'xofftejh ġew ikkaġunati minn fattur estern u mhux mill-aggressjoni tal-imputat**.  Wara kollox, l-imputat lanqas seta' jafferma b'ċertezza li Happy effettivament qasam f'xofftejh meta waqa' fit-taraġ u għalhekk il-Qorti ma tistax serenament tqis li din il-verżjoni hija ppruvata sal-grad tal-probabbli, sija għaliex kif stabbilit, din l-ipotesi l-imputat ħareġ biha biss meta xehed quddiem il-Qorti u fl-ebda waqt ieħor fiż-żewġ verżjonijiet li kien irrilaxxa preċedentement, kif ukoll għaliex dan ma jirriżulta minn imkien ieħor fil-provi u l-atti proċesswali u effettivament, **l-indizzji kollha jippontaw ineżorabbilment lill-aggressjoni tal-imputat, minnu ammess, bħala l-kaġun tal-ġrieħi li sofra Happy Oghogho Odigie**.

Għall-Qorti, dan kollu magħdud jikkonvinċiha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, dwar il-ħtija tal-imputat għall-akkuża li huwa volontajament ikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' Happy Oghogho Odigie.

Ikkunsidrat;

Kwantu għan-natura tal-offiża effettivament ikkaġunata fuq il-persuna ta' Happy Oghogho Odigie b'riżultat tal-aggressjoni tal-imputat, l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika speċifikatament ir-reat taħt l-Artikolu 216 tal-Kap. 9.

Kif jirriżulta mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' Dr. Gary Magri Gatt u ċ-ċertifikat mediku minnu rilaxxat, il-feriti prinċipali li ġarrab Happy Oghogho Odigie kienu f'xofftejh ("*laceration left lateral aspect of outside of upper lip*" u "*laceration left lateral aspect of inside of upper lip*"). Dawn il-feriti kellhom bżonn żewġ punti u ġew ċertifikati minn Dr. Gary Magri Gatt[13] bħala offiża ta' natura gravi għaliex kien hemm riskju ta' diformita' ("*disfigurement*") peress li saru l-punti fix-xofftejn[14]. Dan ifisser illi l-uniku paragrafu tal-Artikolu 216(1) tal-Kap. 9 li jista' jkun relevanti għall-fini tal-ħtija tal-imputat, huwa l-paragrafu (b). Dan jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Jingħad illi mankament, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ[15]. Sfreġju, a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[16] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu **l-entita' tal-ħsara fuq il-wiċċ**.

Ġie ritenut ukoll:-

---

[13] Ċertifikat Dok. MZ3, fol. 22 u xhieda Dr. Gary Magri Gatt tal-1 ta' Frar 2021.
[14] Ara fol. 62.
[15] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.
[16] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[17]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala **sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali**."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-prinċipju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[18] fejn intqal illi:-

---

[17] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.
[18] Deċiża fit-12 ta' Settembru 1996

*"... **għall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Jingħad minnufih li ma nġiebet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li l-offiża li ġarrab f'wiċċu Happy Oghogho Odigie sarrfet f'mankament fit-termini tal-insenjament fuq ċitat in materja tal-offiżi prospettati mill-Artikou 216(1)(b) tal-Kap. 9 u mill-provi ma jirriżultax illi xi waħda mill-offiżi riskontrati f'wiċċu effettivament ħallew marka permanenti jew deterjorament fil-wiċċ. Madanakollu, il-Qorti, wara li semgħet lil Dr. Gary Magri Gatt jixhed illi saru żewġ punti fix-xofftejn tal-pazzjent u minħabba f'dan kien hemm riskju ta' *disfigurement*, tqis li l-offiża fil-wiċċ kienet evidenti, viżibbli u gravi biżżejjed biex tirrikjedi trattament bil-punti, huwa biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġiet tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 biex titqies bħala sfreġju. Kif ingħad, il-fatt illi dan l-isfreġju seta' pperdura biss għal ftit taż-żmien u seta' ma sarrafx effettivament f'ċikkatriċi viżibbli u permanenti, huwa immaterjali.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena għar-reat taħt l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 li l-imputat qed jinstab ħati tiegħu, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi fosthom l-eta' avvanzata tal-imputat u l-fatt illi minkejja l-eta' tiegħu ma jirriżultax li huwa ta' karattru refrattraju. Għalkemm hu veru li l-fedina penali tiegħu tidher mad-daqqa t'għajn li hija waħda oneruża in effetti jirriżulta li l-kundanni kollha (għajr waħda) huma konnessi ma' xogħolu bħala xufier ta' xarabank u huma ta' natura kontravvenzjonali. Barra minn hekk, l-aħħar kundanna tirrisali għas-sena 1997 u mbagħad is-sena 2009.

Il-Qorti fuq kollox ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat mill-ewwel ammetta li huwa kien ħebb għall-vittma (għalkemm imbagħad fix-xhieda tiegħu huwa biddel din il-verżjoni)

u fehmet ukoll li l-vittma u l-inkwilini l-oħra tiegħu kienu qed jgħadduh biż-żmien dwar il-ħlas tal-kera u illi l-aggressjoni manifestata mill-imputat kienet rejazzjoni għall-fatt li meta l-vittma ħareġ mix-shower u avviċinah, kien qed jgħajjat u jsabbat u baqa' jagħmel hekk minkejja li l-imputat qallu biex jieqaf. Għalkemm xejn minn dan ma jiġġustifika l-aġir tal-imputat u l-offiżi li kkaġuna fuq il-vittma, u l-fatt jibqa' li dak li għamel l-imputat huwa kundannabbli, il-Qorti tqis illi dan kien inċident iżolat bejn sid il-kera u l-inkwilin tiegħu li evidentement skaturixxa unikament minħabba diżgwid dwar il-ħlas tardiv tal-kera, magħdud dan ukoll il-fatt li jirriżulta mill-atti li l-vittma u l-inkwilini l-oħra ma baqgħux jikru l-appartament mingħand l-imputat in segwitu għal dan l-inċident.

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, fl-assjem tagħhom, ma jistgħux ma jkollhomx effett fuq il-piena li għanda tiġi inflitta fuq sejbien ta' ħtija għall-akkuża u f'kull każ, il-Qorti hi konvinta illi piena karċerarja ma tkunx xierqa fiċ-ċirkostanzi. Kollox magħdud, il-Qorti hi tal-fehma illi għandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 anke in vista tal-fatt illi ma tqisx li Ordni ta' Probation, Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz ikunu adatti fiċ-ċirkostanzi.

**Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil TARCISIO GATT ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih iżda bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul perjodu ta' sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**